DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2023/1135 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-7 ta' Ġunju 2023

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u sitt Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja skadew fis-6 ta' Ottubru 2021, fosthom dak tas-Sur Marko ILEŠIČ.

(2) Għandha tiġi nnominata persuna biex timtela din il-kariga għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sas-6 ta' Ottubru 2027.

(3) Ġie propost it-tiġdid tal-mandat tas-Sur Marko ILEŠIČ bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Marko ILEŠIČ huwa b'dan maħtur Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sas-6 ta' Ottubru 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2023.

Il-President

L. DANIELSSON